MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 583/2009

**Paul u Concetta konjuġi Debono**

**-vs-**

**Gordon Schembri**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta’ Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta’ skrittura privata tas-sitta u għoxrin (26) ta’ Mejju elfejn u erbgħa (2004) (Dok. A) l-istanti ikkonċedew b’titolu ta’ lokazzjoni lill-konvenut, l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk numru ħamsa (5) ta' "Lourdes Buildings" fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta' Xbiex;

2. Illi tali lokazzjoni saret għal perjodu ta’ ħames (5) snin dekorribbli mis-26 ta' Mejju 2004 u versu l-kera annwa ta’ tliet mija u ħamsin lira Maltija (Lm 350) ekwivalenti għal tmien mija u ħmistax-il Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€815.28) pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem;

3. Illi meta dan it-terminu wasal biex jagħlaq, l-istanti ikkonġedew il-kirja b'ittra tas-26 ta' Novembru 2008 (Dok. B) u għarrfu lill-konvenut li ma kienx be ħsiebhom iġedduha taħt l-istess termini u interpellawh jirritorna ċ-ċwievet tal-fond;

4. Illi minkejja li llum il-perjodu lokatizju għalaq, il-konvenut naqas milli joħroġ mill-fond u baqa’ jokkupah mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Għalhekk l-esponenti kellhom jipproċedu b’dina l-kawża u sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenut ma għandu l-ebda eċċezzjoni valida x'jagħti;

Illi r-raġuni tat-talba hi li l-konvenut qiegħed jokkupa l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk numru ħamsa (5) ta’ "Lourdes Buildings" fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex mingħajr titolu validu fil-liġi u peress li jirrikorru l-elementi meħtieġa *ai termini* ta’ l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12, l-istanti jitolbu li din il-kawża tinstema’ bid-dispensa tas-smiegħ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:

1. Tisma’ din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta’ l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-fond ossia l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk numru ħamsa (5) ta’ Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex u dan *entro* terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Semgħet lill-atturi.

Rat li t-talba attriċi ġiet pruvata;

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------